# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 29 ta' Marzu 2019**

**Numru 18**
**Rikors kostituzzjonali numru 82/2016MCH**

***Seaview & Sons Limited* (C 24540)**

***v.***

**Kummissarju tal-Artijiet (illum Awtorità tal-Artijiet) u l-Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa appell tas-soċjetà attriċi minn sentenza mogħtija fis-26 ta' Ġunju 2018 mill-Prim'Awla tal-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali li sabet ksur tad-drittijiet tal-attriċi mħarsa taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-Konvenzjoni"] u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

2. Billi fit-tweġiba tal-konvenuti għar-rikors tal-appell tressqet l-eċċezzjoni illi l-appell ma jiswiex billi r-rikors sar wara li għadda ż-żmien li jagħti r-

reg. 42 tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon Ordni ["L.S. 12.09"] il-qorti sejra qabel xejn tqis din l-eċċezzjoni billi, jekk tintlaqa', l-appell jieqaf hawn.

3. Il-fatti relevanti għal din il-kwistjoni dwar il-validità tal-appell huma dawn: is-soċjetà attriċi kienet sidt biċċa art li ttieħdet mill-Gvern ta' Malta taħt id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwsit ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi ["Kap. 88"]. Billi dehrilha li t-teħid sar bi ksur tal-jeddijiet tagħha mħarsa taħt l-artt. 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"], l-art. 6 tal-Konvenzjoni u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, l-attriċi fetħet din il-kawża tallum u talbet illi l-qorti:

> »1. tiddikjara u tiddiċiedi li d-disposizzjonijiet tal-artt. 22.8, 12.3 u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 88 jmorru kontra l-Kostituzzjoni u/jew il-Konvenzjoni Ewropea dwar d-drittijiet fondamentali meta applikati fiċ-ċirkostanzi fejn l-offerta tal-gvern tiġi kontestata;
>
> »2. tiddikjara illi ġew leżi drittijiet fondamentali tal-esponenti kif sanċiti bl-artikoli 6, 13 u 1 Prot. 1 tal-Konvenzjoni (Kap. 319) u 37 u 39 tal-Kostituzzjoni;
>
> »3. tagħti rimedju pekunjarju biex jaghmel tajjeb għal-leżjonijiet imsemmija liema kumpens jinkludi mgħax nieqes biex ikopri l-perijodu bejn meta kien hemm teħid fiżiku tal-art sa dakinhar tal-kuntratt;
>
> »4. tagħti rimedju non pekunjarju biex jagħmel tajjeb għal-leżjonijiet imsemmija liema rimedju għandu jkun wkoll eżemplari u effettiv u ta' deterrent.«

4. Bis-sentenza li minnha sar dan l-appell, u li ngħatat fis-26 ta' Ġunju 2018, l-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

> »(i) tastjeni milli tiddeċiedi l-ilmenti tas-soċjetà rikorrenti sa fejn dawn jissejsu fuq l-artikolu 37 u 39 tal-Kostituzzjoni, *in vista* taċ-ċessjoni tat-talbiet tagħha fir-rigward;
>
> »(ii) tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati, in kwantu tqis lill-Kummissarju tal-Artijiet bħala leġittimu kontradittur għall-pretens-jonijiet attrici;
>
> »(iii) tilqa' limitatament l-istedina tal-intimati sabiex tiddeklina milli teżerċita s-setgħat konvenzjonali tagħha sa fejn l-azzjoni attriċi tattakka l-korrettezza tal-komputazzjoni tal-imgħax, kif hawn qabel

spjegat, b'dan li din il-pretensjoni tas-soċjetà rikorrenti tibqa' impreġudikata;

»(iv) tiċħad l-ewwel talba tas-socjetà rikorrenti sa fejn titlob dikjarazzjoni li l-artikoli 22(8), 12(3) u t-tielet (*sic*) Skeda jmorru kontra l-Konvenzjoni;

»(v) tilqa' t-tieni talba limitatament fit-termini ta' din id-deċiżjoni, billi tiddikjara li s-soċjetà rikorrenti soffriet leżjoni tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

»(vi) tilqa' t-tielet u r-raba' talbiet tas-soċjetà rikorrenti u tillikwida s-somma ta' €15,000 bħala kumpens pekunjarju u non-pekunarju għall-ksur riskontrat.

»Bl-ispejjeż jinqasmu in kwantu għal terz għas-soċjetà rikorrenti u żewġ terzi għall-intimati flimkien bejniethom.«

5. Relativament għall-kumment tagħha fil-para. (iii) tad-deċiżjoni li għandha "tibqa' impreġudikata" l-pretensjoni tal-attriċi dwar "il-korrettezza tal-komputazzjoni tal-imgħax", l-ewwel qorti kienet qalet hekk fil-korp tas-sentenza:

> »Huwa ritenut li safejn l-ilmenti tas-soċjetà rikorrenti jittrattaw il-fatt li l-interessi nħadmu ħażin jew kif ingħad minnha "ma kinux korretti, kien hemm diminuzzjoni sostanzjali … bejn l-interessi kif suppost jitħallsu skond l-Att 1 u 3 [*sic*] tal-2006", dan tabilħaqq huwa lment li seta' jiġi indirizzat b'mezzi ordinarji. Jingħad biss li għalkemm fin-nota tagħhom l-intimati jsostnu li adoperaw il-formola matematika indikata fi Skeda 2 tal-Kap. 88, sabiex l-interessi komputati minnhom waslu għall-ammont ta' €35,400, fil-fehma ta' din il-qorti, għalkemm l-intimati ma jgħidux x'inhu l-valur tal-art adoperat minnhom fil-mument li ttieħed il-pussess tal-art mill-Kummissarju intimat, mid-distakk tal-ammonti indikati mill-kontendenti fil-kawża huwa probabbli li dawn l-interessi mhumiex komputati skont l-imsemmija skeda. Madankollu mhux xieraq li dan l-ilment jiġi mistħarreġ f'dan il-*forum* u għalhekk ser jibqa' impreġudikat.«

6. Imbagħad, b'rikors tas-16 ta' Lulju 2018 magħmul taħt l-art. 825(2)[1] tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-attriċi qalet u talbet hekk:

[1] **825.** (2) [Id-disposizzjonijiet fit-Titolu *Fuq ir-Ritrattazzjoni*] Lanqas ma jimpedixxu lill-qorti milli tikkorreġi żbalji fil-kliem użat fis-sentenza, jew milli tbiddel espressjonijiet li ma jkunux ċari, jew li jistgħu jiftehmu xort'oħra minn dak li kif jidher ċar riedet tfisser il-qorti, kemm-il darba jsir rikors għaldaqshekk fi żmien tletin ġurnata minn dak in-nhar tas-sentenza, u, f'dak il-każ, iż-żmien mogħti minn dan il-Kodiċi għall-appell mis-

»Illi fis-sentenza mogħtija fil-25 ta' Ġunju 2018 fil-kawża fl-ismijiet premessi din l-onorabbili qorti rriservat id-drittijiet tal-esponenti rigward l-imgħaxijiet mill-10 ta' Marzu 2005 (data tad-dikjarazzjoni Presidenzjali) sal-24 ta' Awissu 2016 (meta tħallas il-prezz).

»Illi apparti dan illikwidat id-danni pekunjarji u non pekunjarji fis-somma ta' €15,000.

»Illi l-esponenti jhoss li dawn iż-żewġ partijiet jistgħu jagħtu lok ta' disgwid u dan billi, fl-eventwalità li l-esponenti tipproċedi ulterjorment u ma tappellax minn din s-sentenza, hija tista' ssib ruħha rinfaċċjata b'eċċezzjoni ta' ġudikat billi s-somma msemmija ta' €15,000 tinkludi danni "pekunjarji" u dan kontra dak li riedet tfisser il-qorti meta għamlet ir-riserva.

»Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li din l-onorabbili qorti tiċċara dan l-ekwivoku u tiddikjara li, meta hija llikwidat id-danni għall-fini tat-tielet u raba' talba fl-ammont ta' €15000, dawn ma kinux jinkludu fihom il-kumpens għal interessi fuq l-prezz mitluba mill-esponenti għaż-żmien bejn l-10 ta' Marzu 2005 u l-24 ta' Awissu 2016.«

7. B'dikriet tal-25 ta' Lulju 2018 l-ewwel qorti wieġbet hekk għal dan ir-rikors:

»B'referenza għar-rikors tas-soċjetà *Seaview & Sons Limited*, għandu jingħad li s-sentenza ħalliet impreġudikat biss it-talbiet tar-rikorrenti safejn kien qiegħed jintalab reviżjoni tal-kalkoli matematiċi tal-interessi mahsuba taħt l-Iskeda 2 tal-Kap. 88 kif komputati mill-Kummissarju tal-Artijiet. Kwindi, skont il-formola taħt *Schedule* 2, il-medda ta' ġranet li fuqhom kellhom jiġu kkalkolati l-interessi f'dan il-każ huwa bejn it-12 t'Awissu 1999 (meta ttieħed pussess tal-art) u l-10 ta' Marzu 2005 (data tad-Dikjarazzjoni Presidenzjali, meta jitqies li għadda t-titolu favur il-gvern) u mhux kif indikat mir-rikorrenti (bejn l-10 ta' Marzu 2005 u 24 ta' Awissu 2016).

Fiċ-ċirkostanzi l-qorti tqis li din il-kjarifika tissodisfa l-kweżit tar-rikorrenti.«

8. Billi dehrilha li ż-żmien għall-appell kellu jibda jgħaddi minn dakinhar li ngħata d-dikriet tal-25 ta' Lulju 2018, l-attriċi ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fl-14 t'Awissu 2018, fi żmien għoxrin jum mid-dikriet iżda aktar minn għoxrin jum minn dakinhar li ngħatat is-sentenza. Billi min-naħa l-oħra l-konvenuti huma tal-fehma illi fil-każ tallum l-għoxrin jum kellhom jibdew igħaddu minn dakinhar tas-sentenza, ressqu l-

sentenza li tkun ġiet hekk ikkorreġġuta, jibda jgħaddi minn dak in-nhar taddigriet mogħti fuq it-talba għall-korrezzjoni.

eċċezzjoni li l-appell ma jiswiex għax sar tard. Dan il-provvediment tallum huwa dwar din l-eċċezzjoni.

9. It-talba tal-attriċi fir-rikors tas-16 ta' Lulju 2018 ma kinitx biex il-qorti tgħid liema kienu l-imgħaxijiet "riservati", *viz.* jekk humiex dawk bejn l-10 ta' Marzu 2005 u 24 ta' Awissu 2016 jew dawk bejn it-12 t'Awissu 1999 u l-10 ta' Marzu 2005. Il-mistoqsija kienet jekk l-imgħaxijiet riservati għadhomx jistgħu jintalbu jew tqisux ġà u huma inklużi fid-danni likwidati ta' ħmistax-il elf euro (€15,000). Fit-tweġiba tagħha l-ewwel qorti flok wieġbet għall-mistoqsija tal-attriċi iċċarat mhux dak li kienet iddeċidiet fis-sentenza appellata iżda ikkorreġiet żball fir-rikors tal-attriċi tas-16 ta' Lulju 2018. Ma żiedet xejn u ma iċċarat xejn mid-deċiżjoni illi l-pretenzjoni tal-attriċi dwar l-imgħaxijiet "tibqa' impreġudikata".

10. Din il-qorti tgħid illi l-ewwel qorti għamlet sew illi ma bidlet xejn u ma ikkorreġġiet xejn fis-sentenza appellata, għax ma kienet meħtieġa ebda kjarifika fis-sentenza kif mitluba mill-attriċi. It-tweġiba għall-mistoqsija li saret mill-attriċi – jekk id-danni ta' ħmistax-il elf euro (€15,000) jinkludux ukoll l-imgħaxijiet "riservati" – hija tant ċara u ovvja illi bilkemm tista' tifhem għala saret il-mistoqisja, jekk mhux – kif temmen din il-qorti – bħala pretest biex jinkiseb aktar żmien biex isir l-appell. Huwa ovvju li, meta fis-sentenza appellata l-ewwel qorti qalet illi "l-pretensjoni tas-soċjetà rikorrenti [dwar l-imgħaxijiet] tibqa' impreġudikata" u, aktar qabel, illi "mhux xieraq li dan l-ilment jiġi mistħarreġ

f'dan il-*forum* u għalhekk ser jibqa' impreġudikat", id-danni likwidati fis-sentenza ma kinux jinkludu l-imgħaxijiet li ġew, appuntu, riservati.

11. L-art. 825 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid illi ż-żmien tal-appell "mis-sentenza li tkun ġiet hekk ikkorreġġuta jibda jgħaddi minn dak in-nhar tad-digriet mogħti fuq it-talba għall-korrezzjoni". Billi ma saret ebda korrezzjoni fis-sentenza għax ma kienet meħtieġa ebda korrezzjoni, iż-żmien tal-appell ma bediex igħaddi minn dakinhar tad-dikriet tal-25 ta' Lulju 2018 iżda, kif igħid u jrid ir-reg. 4(2) tal-L.S.12.09, "mid-data tad-deċiżjoni appellata", *i.e.* mid-data tas-sentenza tas-26 ta' Ġunju 2016.

12. L-eċċezzjoni li l-appell ma jiswiex għax sar tard għalhekk għandha tintlaqa'.

13. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-eċċezzjoni tan-nullità tal-appell u ma tqisx l-istess appell. L-ispejjeż tal-appell tħallashom is-soċjetà attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr